# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 23 ta' Frar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 29 / 07RGM

Kawza fil-lista: 3

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Gunju 1989 u dan skont ma jinizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, Nathan u Marcona B, li ghadhom minuri, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn martu l-esponenti ta' adulterju, theddid, sevizzi, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

4. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f' dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali.

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba adulterju, theddid, sevizzi, eccessi u ingurji gravi li l-intimat kkommetta kontra martu l-esponenti, u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja tal-minuri Nathan u Marcona B, salv l-access tal-intimat ghall-istess ulied minuri jekk ikun il-kaz.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti ghaliha (jekk ikun il-kaz) u ghal uliedha minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimat,li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizilonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u danakollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tassenja lill-esponenti d-dar matrimonjali numerata erba’ (4) gja disgha (9), bl-isem “Sunrose", Triq San Vincenz Ferreri, Rabat (Malta).

7. F'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax is-sitt talba, tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

8. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata is-separazzjoni bejn kontendenti, izda dana ghal ragunijiet u htijiet imputabbili esklussivament lir-rikorrenti;

2. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Nathan ma ghandhiex tigi fdata lir-rikorrenti stante illi dana qed jghix mal-esponent;

3. Illi ghalhekk ma huwiex dovut manteniment lill-ebda parti fil-konfront tal-minuri stante illi l-minuri Nathan qed jabita mal-esponent filwaqt illi l-minuri Marcona qed tabita mar-rikorrenti;

4. Illi jezistu ragunijiet illi jimportaw maghhom dekadenza mid-dritt ta' manteniment u di piu, r-rikorrenti tahdem;

5. Illi ma jezistux ragunijiet sabiex jigi applikat id-dispost ta' artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-esponenti;

6. Illi r-rikorrenti ma jaqbilx illi d-djar numru erbgha (4) bl-isem Sunrose' Triq Vincent Ferri Rabat (Malta) ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti stante illi hi ma kkontribwiet xejn la ghall-akkwist u lanqas ghall-arredament, izda kien missier l-esponent li kien titolari qabel u kontribwixxa;

7. Illi l-esponent ma jaqbilx mas-sebgha (7) talba;

8. Illi stante illi z-zwieg tkisser minhabba tortijiet imputabbili esklussivament lir-rikorrenti l-esponent ma ghandux ibati spejjez tal-gudizzju.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Gunju elf disa’ mija u disgha u tmenin (1989);

2. Illi minn dana z-zwieg twieldu zewgt itfal Nathan u Marcona B illi ghadhom minuri;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti ma ghadiex aktar possibbli minhabba illi r-rikorrenti rikonvenzjonata irrendiet ruhha hatja bejn l-esponent ta' sevizzi, eccessi, adulterju, theddid, u ingurji gravi;

4. Illi minhabba l-imsemmija tortijiet tar-rikorrenti, ghandhom jigu applikati kontra taghha id-dekadenzi kontemplati fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri Nathan illi dana jigi fdat lill-esponenti;

6. Illi l-esponent jixtieq illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu tigi xolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra r-rikorrenti tad-dispost ta' artikolu 48 1. a. b. c u d, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi l-esponent jixtieq illi jibqa jghix fid-dar matrimonjali u din tigi assenjata lilu, stante illi r-rikorrenti ma kkontribwiet xejn la ghall akkwist, u lanqas ghall-arredament, u di piu missier l-esponent kien titolari ta' l-istess, qabel ma nxtara c-cens bi prezz ridott;

8. Illi l-esponent qieghed jistitwixxi din l-istanza bis-sahha ta awtorizzazjoni ottenuta minn martu r-rikorrenti.

Tghid ghalhekk r-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbili Qorti ma ghandhiex previa kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fl-ahjar interess ta l-amministrazzjoni tal-gustizzja:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, eccessi, adulterju, theddid, u ngurji gravi li r-rikorrenti kkommettiet kontra zewghha l-esponenti;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Nathan lill-esponenti salv dritt ta' access lir-rikorrenti martu;

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tillikiwida jekk ikun il-bzonn permezz ta' periti nominandi, u taqsamha bejn il-kontendenti b'mod illi kwantu ghas-sehem tar-rikorrenti rikonvenzjonata tapplika d-dispost ta' l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna illi d-dar matrimonjali numru erbgha (4) bl-isem 'Sunrose' Triq Vincent Ferri Rabat (Malta) tigi assenjata lill-esponent, tahtar nutar u kuratur ghall-kontumacja jekk ikun il-bzonn, u tiffisa hin u gurnata jekk ikun il-kaz ghall-publikazzjoni ta' l-att pubbliku, u fin-nuqqas, l-esponent jinghata d-dritt illi jibqa' jabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta rikonvenzjonali tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana pero' ghal dawk ir-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat kif gia inghad fir-rikors promotur.

2. Illi ghar-rigward it-tieni talba tal-intimat, ghalkemm huwa minnu li l-minuri Nathan prezentement jghix mal-intimat, ikun ferm aktar indikat li l-kura u kustodja tieghu tigi fdata lill-esponenti, u dana billi l-intimat mhuwiex genitur idoneju kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza.

3. Illi l-esponenti taqbel dwar it-tielet talba, b'dana illi s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-ligi citati mill-intimat ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront tal-esponenti.

4. Illi l-esponenti topponi ghar-raba' talba, u dana konsonantement mas-sitt u s-seba' talba taghha kif kontenuti fir-rikors promotur.

Rat in-noti guramentati tal-partijiet.

Rat ix-xhieda u l-provi kollha migjuba quddiem il-Perit Legali Dr Ruth Scott.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-provi kollha migjuba quddiemha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat ir-replika tal-attrici tal-24 ta' Ottubru 2016;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut ghar-replika ta' l-attrici, ipprezentata minnu fid-29 ta' Novembru 2016;

Rat il-provi, d-dokumenti u l-atti kollha;

Rat id-decizjoni moghtija kontestwalment li permezz taghha giet akkolta t-talba sabiex il-Qorti tqis it-talba attrici u dik rikonvenzjonali ghal separazzjoni bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal Nathan u Marcona llum maggjorenni.

Permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara d-divorzju bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort attribwibbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghad-divorzju.

Minn naha tieghu l-konvenut permezz ta' kontro-talba jattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici.

***Provi tal-Attrici***

In sostanza, fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li tul iz-zwieg hija hadet hsieb lil uliedha wahedha. Tul il-hajja matrimonjali terzi dejjem wissewha illi zewgha kellu relazzjoni ma' terzi persuni. Tghid li qatt ma wera nteress fid-dar matrimonjali u dejjem jghawweg il-fatti. Tghid li rari kien ikun id-dar bil-lejl u meta kien ikun hemm ma kienx jorqod hdejha. Gieli kien jghidilha li kien ikun hallas il-kontijiet imbaghad tircievi kontijiet doppji. Tghid li huwa qatt ma kien prezenti lanqas meta t-tfal kellhom bzonn il-kura l-isptar. Qatt ma wera nteress f'gheluq snin it-tfal, anniversarji u festi importanti. Xehdet illi kienet tircevi telefonati anonimi u tghid li wara xi snin l-konvenut ma ridhiex tibqa` tghinu fix-xoghol tieghu. Skont l-attrici l-attur ried izommha 'l boghod mill-hidma tieghu sabiex ma tkunx konxja ta' dak li jkun ghaddej. Tghid li minhabba l-agir ta' zewgha marret ghand *psychologist* u ghalkemm kellmu *family therapist*, il-konvenut mar darba biss u kellhom jieqfu. Zewgha qatt ma kien ikun id-dar u meta kienet titolbu jiehu l-leave ha jqattghu gurnata flimkien kien jirrabja. Tghid li darba sabitu fil-kamra tal-banju jaghmel gesti oxxeni fuq it-toilet waqt li t-tifla kienet qed tinhasel bil-bieb tas-shower maghluq. Meta ghajtitlu kien pront jghajjarha 'mignuna'. Xehdet li l-ghada zewgha rcievha telefonata u semghatu jghid "le mhux hdejha fis-sodda rieqed – rieqed fuq is-sufan". Kien ghalhekk li hasset li ma setghetx toqghod ghal dan l-atteggjament u bdiet il-proceduri legali ghas-separazzjoni. Tghid li kellha titlaq flimkien ma' bintha ghaliex ma setghetx tibqa` tghix aktar ma' persuna li kisritha mentalment u kkagunatilha hsara psikologika serja u partikolarment minhabba r-relazzjoni li kellu ma' mara ohra.

Tghid li ghandha tigi assenjata lilha d-dar matrimonjali u f'dan il-kaz tkun lesta ccedi kull sehem spettanti lilha mill-kumpanija Mikalkris Limited, inkluz il-vetturi, salv ghal wahda. L-intimat ghandu mbaghad jassumi d-dejn tal-kumpanija u kwalsiasi dejn gravanti l-komunjoni. Jekk il-Qorti ma tassenjaliex id-dar, hija ghandha tigi awtorizzata tabita gewwa fiha flimkien ma' wliedha. Titlob manteniment adegwat ghall-minuri anke ghaliex ghandha dizabilita'.

Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2008 izzid li hija thallas Lm200 kera ghal-post fejn tghix. Tghid li ghandha l-ispejjez tat-tifla ghall-allergija, qed taqlaghla d-dras tal-ghaqal u tiehu l-Ventolin u l-cream ghall-Eczema. Tghid ukoll li tmur ghat-

terapija ghal *scoliosis* u tibaghtha privat minhabba *dyslexia*. Tghid li ghandha wkoll spejjez tal-ivvjaggar peress li ma ghandhiex vettura. Xehdet illi minhabba nuqqas ta' finanzi kienet kostretta twaqqaf il-viziti tal-minuri ghand psikologa.

A fol 290 tipprezenta prospett (mhux guramentat) dwar spejjez li tinkorri fix-xahar ghaliha u ghat-tifla.

In kontro-ezami l-attrici tghid illi waqt l-gherusija kienet tara lil Dr C Pisani peress illi l-atteggjament tal-konvenut ma kienx jaghtiha stabbilta`. Tghid li darba waqt l-ezercizzji dahlet tibki hdejn il-qassis u kien qalilha biex titlaq lill-gharus dak il-hin stess. Tghid li llum tiehu pilloli ghall-ansjeta'.. Tghid li meta zzewgu marru joqghodu f'*farmhouse* zghira r-Rabat li kienet b'cens ghand missier il-konvenut u meta ghalaq ic-cens, kienu xtrawh minghand il-Gvern. Fl-1995 kienu waqqghu id-dar u regghu bnewha biex kabbru u hemmhekk regghet harget tahdem. Tghid li ghalkemm hi ma hallset xejn lill-missier il-konvent, meta marru joqghodu fid-dar, missierha u habib tieghu kienu ghamlu d-dawl, ilma, madum, u t-tibjid kollu fid-dar. Tghid li kienet hi li rsistiet u rrangat sabiex jakkwistaw ic-cens u kienet tmur tkellem lil Anthony Rossi. Tghid li missier il-konvenut qabel iz-zwieg kien jghid li l-konvenut "mhux taz-zwieg". Tghid li l-fidi tac-cens sewa Lm3000, Lm1500 minghand il-Gvern u Lm1500 taghhom. Tghid li missierha hallas ghall-materjal tad-dar u rranga kollox a spejjez tieghu. Tghid li hi kienet tghin fil-kumpanija gestita mill-konvenut mhux bil-flus izda kienet taghmel xi xoghlijiet. Tghid li meta nqala` l-inkwiet il-konvenut kien qataghha mill-kumpanija u ma hallihiex tahdem iktar u fejn qatt ma naqashom xejn spiccat bilkemm ghandha x'tiekol. Tghid li meta kienet tkun l-isptar kienet tibkilu biex imur jaraha izda hu kien jghidilha li maqbud bix-xoghol. Tghid li darbtejn hadet *overdose* ta' pilloli u l-konvenut kien jibghat lit-tifel fl-ambulanza maghha lejn l-isptar minflok imur maghha. Ma kinitx issib ko-operazzjoni minn naha tieghu.

Omm l-attrici Maria Stella Vassallo tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 178) u tghid inter alia illi z-zwieg ta' bintha kien glieda kontinwa u l-attrici kienet dejjem titlob lil zewgha jqatta` l-hin mal-familja izda huwa kien igib kull skuza biex jahrab mir-responsabbiltajiet matrimonjali tieghu. Tghid li kienet hi li tmur ghal vizti mal-attrici waqt it-tqala u meta uliedhom gieli ddahhlu l-isptar, kienet hi li tmur izzurhom waqt li l-attrici tmur tistrieh u tinhasel id-dar. Il-konvenut qatt ma kien jidher u lanqas ghall-kuncerti u attivitajiet skolastici ma kien ikun hemm. Tghid li meta kienet tkun id-dar taghhom kienet tisimghu jidghi u jghajjat bla bzonn u l-attrici kienet tkun fuq is-sufan taht l-effett tal-pilloli. Tghid li kemm-il darba rat il-vann tieghu ipparkjat fi Triq Envin Cremona fejn toqghod certu Marthese, li maghha l-konvenut ghandu relazzjoni. Tghid li gieli rcieva citazzjonijiet fuq il-vann tieghu bl-isem Marthese Spiteri u gieli kien johrog jirrispondi messagg barra jew fit-toilet meta s-soltu l-messaggi tax-xoghol kien jirrispondihom fil-presenza

taghha. Tghid li kemm-il darba ppruvat tigbed l-attenzjoni tal-konvenut ghall-fatt li l-attrici kellha bzonnu.

In kontro-ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2011 tghid fost affarijiet ohra, illi l-konvenut qatt ma kien tal-hin u ghalhekk kienet glieda kontinwa. Tghid li fuq ordni ta' Dr Cassar hija kienet tkun ghand A 24 hours. Tghid li l-konvenut qatt ma kien ikun hemm. Tghid li darba gie missieru u quddiemha kien stqarr illi kien ra mara ghaddejja b'vann quddiem id-dar t'omm C. Tghid ukoll li darba kienet id-dar taghhom u rcevew numru ta' citazzjonijiet f'isem Marthese li kienet issuq il-minibus ta' C. Tghid li kemm hi kif ukoll it-tifla Marcona kemm-il darba kienu jigbdu l-attenzjoni tal-konvenut sabiex jitla` hdejn martu ghaliex kellha bzonn l-attenzjoni, izda kien kollu ta' xejn.

Carmelino B, hu l-konvenut jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 180) u jghid inter alia, illi l-attrici hija mara biezla u dejjem poggiet l-interessi tal-familja qabel kollox. Jghid li l-konvenut huwa bniedem bla valuri u ebda sens ta' responsabbilta` u jghawweg il-fatti kemm ma' uliedu u kif ukoll fuq il-post tax-xoghol. Dan jafu ghaliex hu, flimkien ma' missieru u C, kellhom kumpanija bi shab. Jghid li kien ikun imhasseb ghaliex meta gieli kien ikun ghandu u ccempillu l-attrici kien jghidilha li qieghed tas-Sliema. Jghid li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' Marthese Spiteri u din ir-relazzjoni hija wahda maghrufa. Jarahom flimkien l-MIA specjalment nhar ta' Sibt fil-vettura SVY-008. Jghid li l-konvenut ma ghandu ebda sens ta' rispett lejn martu, uliedu u hutu.

In kontro-ezami waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2011, jghid inter alia illi kellu jitlaq mill-kumpanija u li lill-konvenut hallielu kumpanija bi qliegh ta' Lm80,000 fis-sena u skont ix-xhud il-konvenut kissirha ‘l kumpanija. Jghid li lil Marthese raha ma' C l-Airport, Bugibba, Mellieha u tas-Sliema. Jghid li raha lill-konvenut u lil Marthese jitbewsu gol-vann quddiem il-Captain Morgan tas-Sliema. Jghid li lil missieru ilu xi sena ma jkellmu u lil C ilu xi hames jew sitt snin ma jkellmu. Jghid li l-konvenut ma kienx jassumi r-responsabbilta` tat-tmexxija tal-kumpanija, kien qisu ghandu xufier impjegat. Jghid li lil uliedu kien ihobbhom hafna izda l-konvenut farrak ir-relazzjoni teighu maghhom.  Jghid li meta ra lil C u Marthese tas-Sliema ma jiftakarx fic-cert jekk il-partijiet kinux ghadhom jghixu flimkien.

Ruth B, il-mara ta' Carmelino B tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 181) u tghid fost affarijiet ohra illi l-attrici hi mara bil-ghaqal u dejjem hadet hsieb il-familja. Hija mara biezla u dejjem hadet hsieb tassigura li wliedha ma jonqoshom xejn. Hija mara ta' valuri sodi u integrita` morali. Tghid li rat lill-konvenut b'ghajnejha stess fil-presenza tal-mara li maghha ghandu relazzjoni.

In kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011 tghid fost affarijiet ohra illi filwaqt li lill-attrici qatt ma qabditha f'gidba, il-konvenut spiss kien jigdeb quddiemha.

C Vassallo, missier l-attrici jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 185) u jghid inter alia, illi bintu dejjem ghexet hajja matrimonjali wahedha u zewgha qatt ma wera nteress fiha, fil-bzonnijiet ta' wliedhom, fil-hajja mizzewga jew fid-dar matrimonjali. Jghid li kien hu li ghamel ix-xoghol kollu fid-dar tal-partijiet, kemm fil-bidu u anke wara li twaqqghet. Dawn ix-xogholijiet kienu jinkludu dawl, ilma, tibjid, gallarija, faccata, kollox a spejjez tieghu. Jghid li l-attrici dejjem hadmet, inkluz xoghol ta' bil-lejl, u hu u l-mara kienu jiehdu hsieb it-tfal ghaliex l-konvenut kien jghid li kien ikun xoxghol, izda hu kien mar jiccekkja u sar jaf li ma kienx ikun xoghol. Jghid li ftit snin qabel sahhet bintu bdiet sejra ghall-aghar.

Jghid li darba kien l-MIA u lemah lil C ma' persuna ohra li wara sar jaf li jisimha Marthese. Kien hemm xi xufiera li ma kinux jafu li hu l-kunjatu ta' C u bdew jghaddu hafna kummenti fuq C u din il-mara. Jghid li hi harget barra u dahlet fil-vann ta' l-konvenut u telqu flimkien. Jghid li darb'ohra kien il-festa u habib tieghu staqsieh jekk l-konvenut kienx telaq lil bintu. Jghid li fuq suggeriment ta' Dr Joe Cassar hu u martu hadu hsieb lil binthom u it-tfal taghha meta kien ikollha bzonn tidhol l-isptar u il-konvenut qatt ma kien imqar icempel. Jghid ukoll li wara li kien tkellem ma' Dr Cassar kien beda jiehu hsieb il-pilloli ta' bintu ghaliex qabel kienet it-tifla li kienet tehdilha hsiebhom.

Jixhed hu l-attrici Marco Vassallo bil-mezz tal-affidavit (fol 187) u jghid fost affarijiet ohra illi sa mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali, l-attrici kienet tilmenta li zewgha ma kienx ikun prezenti f'hajjitha, u meta kien ikollhom xi okkazjoni tal-familja jew ikla l-attrici dejjem marret wahedha bit-tfal. Jghid li darba fil-bidu tal-hajja matrimonjali kien mar l-Ghadira u ra lil C ma' tfajla u kien qallu li kien mar il-bahar ma' habiba tieghu minn B'Kara izda biex ma jghid lil hadd ghax jaqlalu l-inkwiet. Jghid li ohtu kienet dejjem titlob ftit hin u hu jghidilha li ma hux possibbli minhabba impenji tax-xoghol. Ohtu kienet terfa` r-responsabbilta` kollha ta' wliedha. Minhabba l-attitudni tal-konvenut, ohtu ddahhlet l-isptar izda lanqas hemm ma taha l-appogg tieghu. Meta kien imur jaraha l-isptar kien isibha mat-tifla li kienet tghidlu li missierha kien xoghol. Meta kien jitlaq mill-isptar kien jilmah il-vann tal-konvenut ipparkjat fi Triq Emvin Cremona l-Imsida. Beda jithasseb meta beda jara l-vann hemm u beda joqghod ghassa u raha b'ghajnejh il-vann tal-konvenut ipparkjat hemm tul il-lejl kollu. Jghid li darba cempel lill-konvenut biex jghidlu li l-attrici kienet iddahhlet l-isptar u kien qallu li qieghed xoghol. Jghid li hu mar hdejn id-dar matrimonjali tal-partijiet u rah hiereg mid-dar liebes pulit u segwih u baqa` sejjer fil-post fejn kien ikollu l-vann ipparkjat. Il-vann ghamel lejl shih hemm u minn verifiki li ghamel huwa dahal id-dar ta' certu Marthese. Jghid li datb'ohra hu u missieru telqu mid-dar tal-attrici u marru

flimkien fi Triq Emvin Cremona u raw il-vann tal-konvenut hemm. Jghid li missieru ried jinzel ghalih izda hu zammu biex ma jinqalax inkwiet. Jghid li minn mindu fethet il-proceduri ohtu ghamlet progress u regghet bdiet tiehu sahhitha. Hi hadet il-pass ghal uliedha li tant ghandhom bzonnha.

Marco Vassallo in kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011 jikkonferma fost affarijiet ohra li huwa segwa lill-konvenut f'zewg okkazjonijiet. Jippreciza wkoll li l-incident tal-Ghadira sehh qabel iz-zwieg.

Marcona B, bint il-partijiet tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 204) u tghid inter alia, illi ommha hija omm dedikata u tat hajjitha ghall-familja taghha. Tghid li kellha terfa` wahedha r-responsabbilta` tal-familja taghhom. F'okkazjonijiet skolastici dejjem kienu jkunu prezenti ommha u n-nanna materna taghha, izda missierha qatt ma kien ikun prezenti. Tghid li missierha kien iqatta` hafna hin barra mid-dar u jirritorna tard bil-lejl. Kien jissakkar fil-kamra tal-banju u spiss kienet tisimghu jitkellem fuq it-telefon. Tghid li darba kien fuq it-telefon u staqsieha fejn hi l-istapler 'Mar' u fl-istess hin qal lill-persuna li kien maghha fuq it-telefon “Le mhux lilek qed nghid – qed nghid lit-tifla Marcona.” Tghid li dak il-hin ftakret fit-telefonata li rceviet xi granet qabel fejn lehen ta' ragel qalilha “Ghid lil missierek li Marthese selliet ghalih.”

Tghid li missierha ma kienx prezenti meta ommha kellha bzonn il-kura u kienet hi li assistietha fl-ambulanza lejn l-isptar. Kien jghidilha tistennih hdejn Fino Ferramenta f'nofs il lejl biex jghaddi ghaliha wara l-isptar u qatt ma kien isaqsiha kif kienet ommha. Meta ommha kienet l-isptar kienet hi li ssajjar, tahsel il-hwejjeg, tixtri u taghmel qadi iehor. Tghid li spiss kienet tibqa` tistenna lil missierha fit-3am ghaliex kien jitlaq bl-ghagla u ma jiehux ic-cwievet. Kemm-il darba ffirmat citazzjonijiet f'isem 'Marthese' rigward vann ta' missierha u llum taf li ghandu relazzjoni ma' din il-persuna. Tghid li missierha ma kellux relazzjoni tajba maghha peress li kienet tipprova tieqaflu peress illi kienet tiddejjaq tara lil ommha ssofri minhabba l-attitudni negattiva tieghu. Tghid illi hi soffriet mhux ftit minhabba l-agir ta' missierha u thoss li l-familja taghha spiccat ghaliex ommha qatt ma kellha appogg u ghajnuna minn missierha fit-tmexxija tal-familja. Tghid li l-hsara li ghamel lilha u lil huwha bl-ghajjat u bid-dagha tieghu ma tissewwa qatt.

Ruth Galea Pace, oht l-attrici, tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 206) u tghid inter alia li ohtha dejjem titlob lill-konvenut attenzjoni u hin ghaliha u ghall-familja izda ghalih dan qatt ma kien possibbli. Tghid li ghall-attivitajiet tal-iskola, tobba u sptar huwa qatt ma kien jippartecipa u meta kien imur ghand ommha lanqas kien jiekol maghhom, kien jintefa` fuq is-sufan u jorqod. Tghid li huwa jidghi ghal xejn b'xejn u ghalkemm hi kemm-il darba sikktitu habba t-tfal hu kien jisfidaha u jidghi aktar. Ohtha dejjem hadmet ghall-gid tal-familja izda minhabba l-agir

irresponsabbli tal-konvenut, hija marrdet. Meta t-tfal gieli raqdu ghandha, huwa qatt ma cempel biex jara kif inhuma.

Tiftakar li darba cemplitilha ohtha tibki ghaliex xi hadd anonimu kien qed icemplilha u jghidilha li zewgha kellu relazzjoni ma' terza persuna. Dakinhar hadet *overdose*. Tghid li l-konvenut kien cemplilha u qalilha biex ma tahsibx li ohtha *depressed* minhabba fih. Tghid li gimgha wara ltaqghet ma' persuna li taf lill-konvenut u li staqsietha jekk kienx qed jiehu hsieb ohtha jew jekk ghadux ihawwad. Ommha cemplet lil din il-persuna biex tistaqsiha x'riedet tfisser u din qaltilha li l-konvenut kien jibdilha ma' certu Marthese li kienet *mini-bus driver*. Tirrakkonta li darba rat lill-konvenut ma' din Marthese fil-karozza tal-attrici, u li darba ohra it-tifel tal-partijiet kien qalilha “Auntie Ruth naf ghalfejn il-mummy ma tiflahx ghax id-daddy ghandu mara ohra ghax jien nisimghu jitkellem maghha fuq il-mobile.” Fost affarijiet ohra tghid li meta fuq parir ta' Dr Cassar kienet kellmet lill-konvenut biex jaghti ftit hin lil ohtha, hu kien hadha kontriha u refa` jdejh fuqha. Hi ghamlet rapport l-Ghassa tar-Rabat u baghtu ghalih. Tghid li meta gie lura u raha diehla fil-karozza taghha, saq ghal fuqha. Tghid li meta ohtha u t-tfal marru Tunez, hi kienet tara l-vann tal-konvenut ipparkjat fi Triq Emrin Cremona, u darba habib taghha qalilha li ra lill-konvenut mal-mara go van hdejn il-lukanda Intercontinental. Izda meta ddeskriva l-mara li ra bhala b'xaghra iswed u maghluba hija skopriet li ma kinitx ohtha peress li ohtha ghandha xaghra car u nnuklat. Tghid li meta ohtha regghet qaltilha li kienet imdejqa hafna kienet issugeritilha li tkellem social worker. Minn dakinhar 'l quddiem ohtha ghamlet kuragg u bdiet it-triq lejn il-fejqan.

Tixhed ukoll Alexia Baldacchino waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-1 ta' Novembru 2007, fejn fost affarijiet ohra tghid illi l-problema principali tal-attrici kienet id-*depression* u hija kienet tilmenta illi l-konvenut ma kienx iqatta` bizzejjed hin maghha d-dar, kellu hinijiet tax-xoghol twal u ma kienx jorqod fil-kamra tas-sodda maghha. Tghid li kienet kellmet lill-konvenut li kien qalilha li hija kienet tesagera u qatt ma kienet kuntenta b'dak li kien jaghmel hu. Kien jattribwixxi l-problema lid-*depression* tal-attrici. Tghid li l-interess tal-attur lejn martu kien erratiku hafna, u ghal bidu kien jiehu hsieb il-pilloli taghha izda mbaghad kienet tohdilha hsiebhom it-tifla li kienet zghira hafna.

Jixhed ukoll Dr C Cassar waqt is-seduti tal-1 ta' Novembru 2007 u 24 ta' Jannar 2008, li jghid illi huwa l-konsulent psikjatra tal-attrici u hija f'Settembru 2004 kellha despression, hopeless feelings u hsibijiet suwicidali. Jghid li hija hassitha mhux supported emozzjonalment u bhala hin u rrikoriet ghal binge eating. Jghid ukoll li kienet cara li kien hemm problema serja ta' komunikazzjoni bejniethom. Jghid li hadet diversi trattamenti, u fost ohrajn, f'Awwissu 2005 hadet overdose. Jghid li d-depressjoni hi relatata mal-karattru taghha ta' low self esteem u sensittiv. Hija kienet tirrikjedi support sostanzjali mir-ragel taghha li f'ghajnejha

ma kienx qed jigi milhuq. It-turning point fejn marret ghall-ahjar kien meta telqet mid-dar matrimonjali, pero` ma regax raha b'mod professjonali ghax marret ghall-ahjar.

Tixhed ukoll Dorothy Scicluna, *clinical psychologist* u *psycoltherapist*, waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2008 li tghid illi inizjalment l-attrici kienet marret ghandha minhabba *binge eating disorder.* Tghid li l-attrici hija sensittiva hafna u thobb il-familja u kien difficli ghaliha taccetta li z-zwieg taghha ma kienx qed jahdem. It-terapija taghha kienet *support therapy* peress illi hija kellha nuqqas ta' *emotional holding* u ghalhekk tagixxi b'sintomi depressivi. Kienu jiddiskutu li l-konvenut ma kienx prezenti la fizikament u lanqas emozzjonalment. Tghid li l-konvenut kien juri volonta` biex jghinha izda din kienet tkun temporanja u mid-dinamika tal-familja waslet ghall-opinjoni li ma kienx kapaci jaghti *emotional holding.* Tghid li l-attrici kienet thossha umiljata, u harget miz-zwieg mhux minhabba r-relazzjoni extra-maritali tal-konvenut izda ghax ghajjiet. Tghid li ftit wara li harget mid-dar sar kambjament kbir. Tghid li l-konvenut kellu nuqqas ta' abilita` ghal *emotional holding*.

Waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2013, jixhed Dr Peter Ferry li jikkonferma li kien iltaqa` ma' missier il-konvenut, Kristinu B, fis-27 ta' Ottubru 2008 u mit-testijiet li ghamillu rrizulta li kellu *mild dementia*. Kien biddillu l-medikazzjoni u meta rah fis-27 ta' Lulju 2010 kien fi stadju ta' severe dementia tant li kien tah zewg medicini ta' dementia flimkien. Jghid li t-test jurik f'liema stadju d-dementia tkun waslet izda mhux necessarjament jindika l-kapacita mentali u ma jistax jghid setax jixhed jew le.

***Provi tal-konvenut***

Il-konvenut jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 320) u jghid inter alia, li kemm ilu jafha l-attrici kienet tbati minn xi tip ta ansjeta’ u/jew dipressjoni qawwija. Xehed illi cio’ nonostante, kellhom zwieg normali bl-ups and downs bhal ma jkollha kull koppja mizzewga. Huwa kien accetta l-kondizzjoni li ghandha l-attrici u ma kienet ta’ l-ebda problema ghalih ghax kien ihobbha.

Kien jghinha mill-ahjar li jista` mill-gherusija u meta zzewgu sakemm bla ebda pre-avviz qabdet u telqet mid-dar matrimonjali. Kien jehodha tara diversi psikjatri, sabiex jipprovaw jfejquha mill-kondizzjoni illi minnha tbati, fosthom Dr. Pisani, Dr. David Cassar, Dr. C Cassar, u Dr. Dorothy Scicluna, u darba fil-gimgha ghall- ECT’s (tip ta’ xokkijiet fir-ras), izda hija kien ikollha zminijiet fejn kienet tkun tajba li kienu jkunu rari u zminijiet fejn ma kinitx tkun daqshekk tajba. Perjodi, fejn kienet taghmel zmien twil rikoverata l-isptar jew id-dar fuq is-sodda jew fuq il-pultruna ma trid taghmel xejn u jigu jghinuha u jiehdu hsiebha u t-tfal, il-genituri taghhom it-tnejn.

Jghid li fejn kien hemm bzonn hlas, huwa dejjem hallas ghall-kura medika. Hafna mill-hajja mizzewga hi ma kinitx tabdem. Ghamlet xi zmien tahdem part time ta' Sawra Home ir-Rabat. Jghid li hu ma kienx jaghmel ghageb meta kienet tiehu kwantita` ta' pilloli u taghmel granet shah fis-sodda u hu kien jipprova jlahhaq max-xoghol tal-vann u tat-tfal. Kien isib support mill-genituri tieghu u taghha.

Jghid li xi 4 darbiet ipprovat tikkommetti suwicidiju b'rizultati gravi, billi tibla kwantita' kbira ta' pinnoli, u f'okkazjoni minnhom, hija ukoll qatghet il-polz, ossija l-arterja ta' idha x-xellugija quddiem it-tfal. Gieli tard bil-lejl kienet tohrog bil-karrozza u kien imur ifittixha fuq l-irdum Had Dingli ghax kienet tghidilhom li sejra taqbez.

It-tfal kienu jkunu trawmatizzati, u dan kienet taghmlu avolja kienu jahbulha l-pinnoli. Jghid li kienu jcemplulu fuq ix-xoghol u jghidulu li ommhom regghet belghet il-pinnoli fost hafna twerzieq u biki, u kien jitlaq kollox minn idu u jmur jara x'gara jew jibagbat l-ommu jekk ikun 'il boghod.

Jesebixxi numru ta' certifikati li jkopru l-perjodu ta' bejn Novembru elfejn u bamsa (2005) sa Jannar elfejn u sitta (2006) li juru li f'dana l-perjodu kienet rikoverata l-isptar disgha (9) darbiet (Dok JM 1 – 9) kif ukoll discharge summary ta' l-isptar Monte Karmeli li juri l-istat li kienet fih u l-problemi ta' dipressjoni u *binge eating* li kellha. (Dok JM 10)

Jghid li hi kienet tiffissa fuq ix-xogbol tieghu bil-vann, ghaliex kien idum ma jigbor il-flus u/jew ma tantx kien jaqla flus. Kellha wkoll problema qawwija ta' binge-eating.

Jghid li d-dar matrimonjali din kienet dejjem fil-familja, u huwa twieled hemm. Kienet ta' missieru li kien akkwista b'cens temporanju minghand il-kurja. Huwa minn dejjem ried itihielu, u kien ilu minn meta bdew jahsbu ghaz-zwieg jipprova jirranga mal-kurja sabiex din tigi mibjugha lilu.

Missieru kien irranga sabiex il-kuntratt tad-dar kien sar ghall-prezz ta' ta' tlett elef u mitt liri Maltin (Lm 3,100) meta l-fond kien jiswa aktar minn hekk. Kien ha facilta' ma l-Awtorita' tad-Djar  ta' elf u sitt mitt liri Maltin (Im 1,600) filwaqt li l-kumplament tal-flus ossija elf u flames mitt liri Maltin (Lm 1.500) kien harighom u sellifhomlu missieru.

Jghid li wara li xtraw il-fond huwa beda jirranga d-dar u missieru kien sellfu tmienja u ghoxrin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm 28,500). Xi zmien wara kienu marru l-ufficcju notarili ta' Salvinu Farrugia ir-Rabat, u ghamlu skrittura fejn nizzlu kollox sabiex jekk jinqala xi haga ommu ma jkolliex problemi. Jghid li sal-

gurnata tallum ghadu ma hallas xejn lura. Hafna mix-xoghol fid-dar sar minnu u missieru. Kien imur ukoll missier l-attrici peress li dak iz-zmien kien dizokkupat, u dana kien thallas tax-xoghol li kien ghamel fil- fond.

Jghid li ma jistax jifhem x'gara sal-gurnata tallum, meta l-attrici telqet mid-dar. Jghid li kien id-dar mat-tfal u rcieva telefonata minghand omm l-gharusa tat-tifel tghidlu li saret taf li l-attrici telqet mid-dar. Ma hadhiex bi kbira ghaliex ta' spiss kienet taghmel hekk izda minn dak iz-zmien 'l hawn ma marritx lura d-dar u bdiet proceduri ghal separazzjoni. Meta telqet mid-dar il-kuntatt mat-tifel kien wiehed minimu u kemm terzi u anke hu ppruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni, izda t-tifel ma jiflahiex li kwazi kull meta jaraha tkun mat-tfal tal-partner li qieghdha mieghu.

Jghid li hu qatt ma johrog, mid-dar ghax-xoghol u mix-xoghol ghad-dar, it-tifel dejjem mieghu ikun ghax jahdem mieghu, u meta johrog imur mat-tifel u l-gharusa tieghu jiehdu pizza. Jaf li dak kollu li gara huwa tort tal-kondizzjoni li ghandha l-attrici. Ghamel il-hajja mizzewga kollha jghinha u jtiha s-support kollu li kellha bzonn.

Jghid li jahdem ma' kumpannija li kienet inbdiet minn missieru qabel ma zzewgu. Il-vetturi tal-kumpanija huma kollha ta' missieru ghalkemm recentment xi vetturi li kienu qdiemu inbidlu.

In kontro-ezami waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2010, il-konvenut jghid li huwa ssellef Lm30,000 minghand missieru fis-sena 2005 skont l-iskrittura esebita minnu, nofs il-flus harigom mill-bank u n-nofs l-iehor tahomlu cash. Ma jafx ghaliex fl-affidavit tieghu hemm imizzel li ssellef Lm28,500. Jghid ukoll li lill-attrici kien qalilha li ssellef Lm30,000. Jghid li kien hallas bejn Lm8000 u Lm9000 cash lill-kuntrattur u l-bilanc ta' Lm21,000 kien hallas madum, dawl, ilma. Jghid li l-partijiet kienu hadu self mill-bank, garantiti bi flus ta' missieru, u hu kien hallas lura b'pagamenti fix-xahar li kienet thallas l-attrici. Jghid li dak iz-zmien hu kellu Lm560 paga, li minnhom kien jaghti Lm500 lill-attrici u hu kien izomm Lm60. Jghid li meta kienet tkun rikoverata kienet tfakkru jhallas il-kontijiet u tghaddilu l-flus. Gieli kien jinsa jhallas ghax jinqabad xoghol. Jghid li dejjem refghet ir-responsabbiltajiet taghha bhala mara tad-dar u omm hlief meta kienet marida.

Waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2011 ikompli jixhed in kontro-ezami u jghid li d-dokumenti dwar spejjez li kien ghamel fid-dar ma sabhomx u hadithom l-attrici. Jghid li huwa jaf mara jisimha Marthese ghax gieli taha x-xoghol izda ma ghandux relazzjoni maghha. Il-vann tieghu ikun wara l-bieb taghha ghaliex krijulha. Jghid li hi tuza vann taghha li qieghed fuq il-permess tal-garaxx tieghu u ta' dan ittih Lm100 fis-sena. Jghid li biex bnew id-dar ta Lm8000 lill-kuntrattur u Lm3000 tal-madum u tibjid.

Fin-nota guramentata tieghu a fol 47 fost affarijiet ohra jghid illi qabel ma abbandunat id-dar matrimonjali l-attrici kienet tohrog u tidhol lura fis-1 jew fis-2 ta' filghodu u hu ma kienx qed igerger ghax kien jittama li thossha ahjar. Jghid ukoll li fl-ahhar tliet snin siefru bhala familja ghal btala Spanja, Tunez u Sqallija. Jghid ukoll li meta ma kinitx tkun f'sikkitha habtet ta' l-inqas 3 darbiet u l-vettura kien ikollha hsarat kbar. Jghid ukoll li dejjem ha hsieb lit-tfal u wasalhom attivitajiet u kien jiehu hsiebhom meta hi kienet tkun l-isptar. Jghid ukoll li l-kumpanija Mikalkris ghandha problemi finanzjarji kbar u dan l-attrici tafu ghaliex kienet izzomm il-kotba.

Jixhed Kristinu B, missier il-konvenut, bil-mezz tal-affidavit (fol 310), li jghid inter alia, illi huwa kien ilu minn ferm qabel ma zzewgu l-partijiet jipprova jdawwar il-post fuq isem C biss. Jghid li meta wasal f'arrangament mal-Kurja, C kien xtrah bi prezz baxx ta' Lm3,100 meta kien jiswa aktar minn hekk. Jghid li kien irrangalu biex ha Lm1600 mill-Awtorita` tad-Djar bhala *assitance grant* u l-Lm1500 l-ohra tahomlu hu u hareg ukoll l-ispejjez tal-kuntratt. Jghid li kif jirrizulta mill-kuntratt anness, il-prezz kien baxx daqshekk ghaliex huwa deher fuq il-kuntratt u rrinunzja ghall-perijodu rimanenti tac-cens. Jghid li sellfu wkoll Lm28,500 sabiex jirranga d-dar u xi zmien wara kienu marru l-ufficcju notarili ta' Salvinu Farrugia u ghamlu skrittura f'dan is-sens. Jghid li sa dak in nhar C ma kien hallsu xejn lura. Jghid li hafna mix-xoghol tad-dar kien sar minnu, mill-konvenut u minn missier l-attrici li jiftakar li thallas ta' xoghlu.

Jghid li l-kumpanija Mikalkris Ltd kien waqqafha meta spicca minn pulizija ghal habta tal-1981. Kien dahhal mieghu liz-zewgt itfal u l-ingenji tal-kumpanija kienu kollha tieghu. Jghid li ghall-bidu kollox kien sejjer tajjeb izda meta mardet l-attrici, hu l-konvenut kien telaq mill-kumpanija bil-glied ghaliex kien qal li l-konvenut kien iqatta` hafna hin mal-attrici u li kien qed jahdem ghalih u kien hemm id-djun u minhabba fil-konvenut kienu qed jitilfu l-flus. Jghid li wara dan l-incident, hu l-konvenut ma baqax ikellmu u lanqas lill-konvenut.

Jghid li tul iz-zwieg l-attrici ma kienx ikollha sahha u kienet tkun mitluqa fuq is-sufan jew rikoverata l-isptar. Jghid li l-konvenut kien jaghmel dak kollu li jista` maghha izda kien difficli hafna ghaliha ghaliex ma kien hemm ebda progress. Kien hemm istanzi fejn ippruvat taghmel suwicidju quddiem it-tfal u gieli kien icempillu ibnu C biex imur mat-tfal ghaliex tkun telqet mid-dar u qaltlu li sejra taqbez mill-irdum.

Jghid li kemm il-konvenut kif ukoll it-tfal tieghu baghtew hafna u ghadhom ibatu sal-gurnata tal-lum. Jghid li l-konvenut ghamel minn kollox biex isalva z-zwieg u ma kellux hajja matrimonjali felici. Il-konvenut jahdem mieghu u jmur mix-xoghol ghad-dar ghaliex jaghmlu siaghat twal tax-xoghol, gieli anke bil-lejl.

Cine B, omm il-konvenut tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 305) u tghid inter alia illi hija kellha relazzjoni tajba hafna mal-attrici. Tghid li huma kienu rrinunzjaw ghac-cens sabiex il-konvenut ikun jista` jixtri d-dar u ta' dan huwa ghandu jtihom Lm30,000. Tghid li ghall-bidu l-attrici ma riditx toqghod hemm izda meta r-ragel taghha u l-konvenut irrangawha hija accettat. Tghid li binha, bhal zewgha, ma ghandux hinijiet ghax jahdem bil-vann. Tghid li lill-attrici tafha dejjem marida u dejjem iduru biha u spiss kienet taghmel gimghat shah l-isptar. Tghid li ma tistax tifhem x'gara wara li tant habbewha u ghamlu maghha, u saret taf li n-neputijiet u l-konvenut kienu jahbu minnha biex ma jinkwetawhiex.

In-Nutar Krystyle Frendo Galea tixhed waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2013 u tghid illi hi kienet marret id-dar ta' Kristinu u kienet qratlu l-affidavit li kien lest. Kien hemm prezenti l-mara tieghu u l-Avukat Patrick Valentino. Tghid li staqsietu d-dettalji tieghu personali u wegibha kollox, anke n-numru tal-ID Card bl-amment.

Omm il-konvenut Cine B waqt l-istess seduta tixhed illi hija tiftakar meta kienet marret ghandhom in-Nutara u tghid li dak iz-zmien Kristinu kien ghadu jsuq il-minivan tal-iskejjel u hi kienet tmur mieghu supervision. Tghid li miet fil-5 ta' Settembru 2011 u waqaf jahdem xi xahrejn jew tlieta qabel ma miet ghax tah f'salt hass hazin, kien ma jiflahx u baqa` sejjer. Tghid li meta ghamel l-affidavit ma kienx jiehu pilloli, kien bniedem f'sahhtu u ma kienx jinsa. Tghid li lil Dr Ferry gabuhulu xi tliet xhur qabel ma miet.

Jixhed bil-mezz tal-affidavit Nathan B (fol 302), iben il-partijiet, illi minn meta kellu xi 13 jew 14 jiftakar li ommu kienet tkun ma tiflahx, la tkun tiflah tqum, tkellimhom, tiehu hsiebhom, taghmel il-facendi, la taghmel il-lunch, tkun qisha sturduta fuq is-sodda. Jghid li meta kienet tkun hazin kienet tibla l-kalmanti u tispicca fuq is-sufan jew is-sodda u ma tkunx taf x'qed taghmel jew x'qed jigri. Omm missieru kienet tmur kuljum issajjar u tahsel u kienet ghamlet zmien tant kienet hazin li anke ommha u misserha kienu marru joqghodu maghhom. Jiftakar li ommu ghamlet zmien diehla u hierga l-isptar. Jghid ukoll li ghamel zmien ma riedx imur jaraha ghalkemm missieru kien imur kuljum wara x-xoghol u kien jipprova jikkonvincih imur jaraha. Jghid li kien jaf li kienet ma tiflahx izda kien jirrabja meta jaraha taghmel certu affarijiet bhal meta qatghet idha quddiemhom u kellhom jiehduwha l-isptar bl-ambulanza. Jghid li kien iggennen meta ra lil ommu f'dak l-istat. Jghid li meta kellu xi 15, ommu kienet belghet bott tal-kalmanti meta kienet id-dar mieghu u ma' ohtu. Darbtejn minn dawn l-istanzi tant kienet hazin li anke l-grizma ghamlulha. Jghid li kien hadha kontriha ghaliex ma kienx jaf ghaliex taghmel dawn l-affarijiet meta tkun maghhom meta din kienet issib is-support kollu minghand missieru u n-nanniet. Jghid li gieli ommu kienet tohrog f'nofs ta' lejl u missierhom kien imur ifittixha lejn l-irdum ta' Had Dingli ghaliex

kienet tghid li se tmur taqbez. Kienet tiggieled ma' kulhadd, maghhom, ma' missieru, mal-genituri taghha u anke mal-genituri ta' missieru. Jghid li darba meta mar lura d-dar ma' missieru ma sabux lill-attrici d-dar u kienet hadet il-pagi ta' missieru u cemplet lil omm it-tfajla tieghu u qaltilha li hi ma kinitx aktar responsabli ghat-tfal ghaliex telqet mid-dar. Jghid li meta kien zghir kien dejjem ikun ma' missieru, jew il-garage jew ix-xoghol. Jghid li llum ukoll jahdem ma' missieru u kwazi dejjem flimkien. Anke meta johrog mat-tfajla jmur maghhom biex ma jhalluhx wahdu.

In kontro-ezami waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2012, Nathan B, iben il-partijiet jirrakonta incident fejn ommu hadet lilu, lil ohtu u lil missierhom Had Dingli u bdiet tghid li ser taqbez bihom b'kollox. Hu nizel mill-karozza u hi harget tigri warajh u bdiet tibki u qaltlu li qed taghmel hekk ghaliex missieru kien qed iqatta` hafna hin is-showroom. Jghid li kienu bosta d-drabi meta kienet tkun rikoverata u l-incidenti li semma` fl-affidavit kienu jigru meta hi kienet tkun bil-leave. Jghid li d-depression ta' ommu kienet qawwija hafna. Jikkonferma li waqt l-incidenti li fihom ommu kienet tipprova twegga’ lilha nnifisha kienu jkunu hu, ohtu u ommu wahedhom. Il-bicca l-kbira fi tmien il-gimgha u anke matul il-gimgha missieru kien ikun xoghol bil-lejl izda mhux dejjem. Jghid li meta kienet tkun l-isptar missieru u ohtu kienu jmorru kuljum.

Dwar l-incident tal-pagi jghid li ma jafx x'kien sar minn dawk il-flus ghaliex hu kien ghamel gurnata barra.

Jghid li l-argumenti l-ewwel bdew jinqalghu dwar in-negozju ghaliex ommu kienet tallega li zijuh qed iqarraq b'missieru, spiss kienu jiggieldu wkoll ghaliex missieru kien idum is-showroom u lejn l-ahhar bdiet tissemma Marthese Spiteri fl-argumenti taghhom. Jghid li gieli ltaqa` ma' Marthese fuq xoghol, izda minn meta beda jghix ma' missieru r-Rabat qatt ma raha hemmhekk. Ma jistax jghid missieru kellux relazzjoni maghha jew le.

Jghid li ommu gieli talbitu jehodha dawra bil-karozza avolja ma kellux licenzja u dan meta kienet tkun marida. Jghid li kien hemm proceduri kontrih ghal sewqan bla licenzja fuq rapport ta' ommu u zitu.

**Ikkunsidrat**:

Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota illi in kwantu iz-zewg ulied tal-partijiet saru maggorenni fil-mori ta' din il-kawza, isegwi li l-mertu tat-talbiet li jirrigwardaw il-kura u l-kustodja, l-access, il-manteniment u kwistjonijiet ohra rigwardanti tfal minuri, illum huma ezawriti.

*Provvedimenti tal-Ligi Applikabbli ghall-Kaz*

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

Artikolu 3 tal-Kap. 16:

*'Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Artikolu 38 tal-Kap. 16:

*'Kull parti mizewwga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra'.*

Artikolu 40 tal-Kap. 16:

*'Kull wahda mill-persuni mizewwgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

Artikolu 48 tal-Kap 16:

*(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet*
*msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*
*(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827;1*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*
*(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f'kull kas,li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.'*

Artiklu 51:

*'Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista'*

*jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.'*

Artiklu 52:
*'Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.'*

*Gurisprudenza relevanti ghall-kaz odjern*

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

*'25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*
*...*
*28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*

Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Charmaine mart Alfred Zahra f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Shannon u Brandon vs Alfred Zahra** deciza fis-27 ta' Gunju 2003, inghad:

*"...ghalkemm l-inkompatibilita` tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione" (Vol. XXVIII P II p 298). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "<u>un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale"</u>;*[sottolinear tal-Qorti]

*Issa kif gie espress fid-decizjoni a Vol. VIII pag. 877, "per potersi pronunciare la personale separazione dei coniugi per sevizia e cattivi trattamenti, come fu*

*ripetutamente giudicato dei tribunali francesi, bisogna che tali sevizie e mali trattamenti siano abituali e che abbiano un carattere di gravita` che stabiliscono un sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggi e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune."*

In materja ta' prova dwar adulterju ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **Cine Edwards vs Av. Dr. C Xuereb** deciza fit-22 ta' Frar 1961 noe, fejn il-Qorti sahqet:

*"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Falzon vs Paolo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 gie ritenut li:

*"B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni bejniethom,"in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi. U allura jiddependi mid-deskrizzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari."*

**Ikkunsidrat**:

**<u>Htija tal-Firda</u>**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut, ghalkemm jghid illi ma hux qed jipprova jiehu s-soppravvent mill-mard ta' martu, jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg taghhom lill-istorja twila ta' dizordni mentali li affliggiet lill-attrici.

Da parti taghha l-attrici ssostni illi kien l-agir irresponsabbli tal-konvenut, il-passivita` tieghu, in-nuqqas ta' rispett li wera lejha u l-adulterju tieghu li farrku z-zwieg.

Ghalkemm huwa in parte minnu dak sollevat mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu ghar-replika tal-attrici, ossia illi anke sa minn qabel iz-zwieg, l-attrici kienet tbati minn forma ta' ansjeta` u kienet tmur ghand Dr C Pisani kif tixhed hi stess (fol 133), din ma kinitx xi haga mistura ghall-konvenut. Fil-fatt fl-affidavit tieghu (a fol 320), hu stess jghid li l-attrici "minn dejjem" kienet tbati minn xi tip ta' ansjeta` u/jew depression qawwija, illi kien jghinha mill-ahjar li jista` kemm fi zmien l-gherusija u kemm fiz-zwieg, u li kien hu stess li hadha ghand diversi psikjatri, fosthom proprju Dr Pisani. Ma jirrizultax ghalhekk illi l-attrici qatt hbiet

il-kundizzjoni taghha, jew li l-konvenut ma kienx konxju tal-ansjeta` li kienet tbati minnha, in kwantu jirrizulta li hu stesss, sa minn zmien l-gherusija, kien jehodha ghal vizti.

Min-naha l-ohra, mix-xhieda tal-attrici, kif korroborata mhux biss mill-familjari taghha izda anke minn membri tal-familja tal-konvenut stess, din il-Qorti hi konvinta li l-konvenut huwa unikament responabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet. Jirrizulta illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet ma kienx prijorita’ fil-hajja tal-konvenut, li kien mohhu biss fix-xoghol u ma kienx prezenti la fil-hajja konjugali ma' martu u lanqas fit-trobbija ta' wliedu. Dan l-atteggjament irresponsabbli, immatur u negattiv tieghu wassal sabiex il-problemi psikologici tal-attrici eskalaw b'mod perikoluz. Anke meta gara dan il-konvenut baqa` distakkat, u kif ikkonfermaw diversi xhieda professjonali, il-kontribut tieghu u l-impenn tieghu sabiex is-sitwazzjoni titjieb kien wiehed sporadiku u minghajr konsistenza. Dan kollu jikkostitwixxi eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici.

Jigi inoltre rilevat illi ghalkemm ma ngabitx il-prova tal-flagranza, fuq skorta ta' xhieda, inkluz dawk tal-familjari taz-zewg partijiet, din il-Qorti tasal ghal konvinciment morali li l-konvenut tassew kien jitrattjeni relazzjoni extra-maritali ma' certu Marthese Spiteri, u li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx wahda purament ta' xoghol kif jittanta jpingi l-konvenut. Dan kollu wassal ghad-deterjorament tar-relazzjoni tieghu mal-attrici li wassal biex iz-zwieg jitfarrak.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli b'tort uniku tal-konvenut.

**<u>Manteniment</u>**

Ma rrizulta xejn li ghandu jwassal lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment minghand zewgha bis-sahha tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 kif qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonanti. Pero’ sakemm l-attrici jkollha dhul sufficjenti d-dritt li titlob minghand zewgha manteniment ser jibqa’ sospiz. Mhux l-istess fir-rigward tal-konvenut. Huwa qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u ingurji gravi u l-Qorti qeghdha tapplika fil-konfront tieghu is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'efett mill-24 ta' Jannar 2007, data tal-ftuh tal-odjerni proceduri.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

**Id-Dar Matrimonjali**

Il-Qorti rat illi permezz ta' verbal registrat fil-11 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw li ghall-finijiet ta' likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-valur tal-fond 'Nru 4, Sunrose, Triq Vincent Ferreri, Rabat, Malta' (id-dar matrimonjali) huwa ta' €230,000.

Il-konvenut jikkontendi illi dan il-fond huwa parafernali tieghu, in kwantu l-akkwist tad-dirett dominju waqt iz-zwieg nibet minn dritt parafernali tieghu, ossia d-dritt ta' cens temporanju li kellu missieru. Da parti taghha, l-attrici tissottometti illi ghalkemm huwa minnu li missier l-intimat ceda c-cens tieghu, jibqa` l-fatt li ic-cens in kwistjoni nxtara mill-partijiet fiz-zwieg, b'dan illi mbaghad tali dar twaqqghet u nbena l-fond ezistenti. Tghid ghalhekk li l-fond jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kkwotata mill-konvenut fin-nota tieghu ***Angiolina Galea et vs Gerad Galea et*** deciza fis-17 ta' Jannar 2011. F'dik il-kawza il-konjugi kien akkwista l-utile dominju qabel iz-zwieg, u sussegwentement akkwista wkoll id-dirett dominju fiz-zwieg. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet illi dan l-akkwist kien parafernali tal-konjugi, tant illi ma kienx hemm il-htiega illi tidher il-mara fuq il-konvenju li sar ghall-akkwist tieghu.

Din il-Qorti tibda biex tinnota illi c-cens temporanju originali qatt ma kien jappartjeni lill-konvenut izda kien ta' missieru Kristinu B. Ghalhekk, b'differenza mas-sentenza su-citata, ma kien hemm ebda akkwist da parti tal-konvenut qabel iz-zwieg, izda z-zewg partijiet flimkien akkwistaw ic-cens in kwistjoni u konsegwentement waqqghu u regghu bnew id-dar matrimonjali. Mhux hekk biss, talli kif jikkonferma l-istess konvenut, huma hadu loan mill-bank sabiex jirrangaw id-dar, liema loan kien thallas mill-paga tal-attrici. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ghalhekk, id-dar matrimonjali tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Jirrizulta pero` mill-iskrittura pprezentata mal-affidavit ta' Kristinu B (fol 318) illi huwa kien sellef lill-konvenut l-ammont ta' Lm30,000 sabiex Lm1500 minnhom thallsu fuq il-kuntratt ta' akkwistu u r-rimanenti Lm28,500 intuzaw sabiex tigi rrangata d-dar. Ghalkemm l-attrici tikkontendi illi dan ix-xhud kien afflitt minn dementia severa fil-mument li huwa kiteb l-affidavit u ghalhekk tali prova ma hijiex attendibbli, kif ukoll illi in kwantu lehaq miet, hija ma setghetx taghmillu l-kontro-ezami, din il-Qorti tinnota illi mill-provi mressqa mill-attrici in rigward[1] ma rrizultax illi x-xhud kien inkapaci jixhed fid-data tal-affidavit. Filwaqt li Dr Ferry jikkonferma illi x-xhud diga` kien qieghed ibati minn dementia, jirrizulta car mix-xhieda tieghu illi ma jistax jikkonkludi illi ma kienx kapaci jixhed f'dak

1 Vide b'mod partikolari xhieda ta' Dr Ferry u tan-Nutar Krystle Frendo Galea

il-mument. Din il-Qorti ghalhekk tiddisponi mir-rikors tal-attrici tat-23 ta' Marzu 2012 billi tichad it-talba hemmhekk dedotta.

Jirrizulta ghalhekk mill-istess xhieda, kif korroborata mill-konvenut u minn Cine B, omm il-konvenut, illi tassew il-konvenut kien ha self ta' Lm30,000 jew ahjar €69881.33 minghand missieru sabiex dawn jigu nvestiti fid-dar matrimonjali. Fid-dawl ta' dak deciz aktar 'l fuq, ossia illi d-dar matrimonjali tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, tali dejn ukoll jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk, din il-Qorti tordna li fi zmien sitt xhur l-fond matrimonjali jitpogga fis-suq hieles ghall-prezz ta' €230,000. Kull parti tkun libera li wara l-iskadenza ta' sena minghajr ma jsir il-bejgh, titlob il-Qorti sabiex il-fond jinbiegh bis-subbasta. Ir-rikavat, wara li jithallas id-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-konvenut qed jigi ordnat permezz tal-gudizzju odjern, sabiex gheluq dan iz-zmien ta' sitt xhur huwa jivvaka dan il-fond. Dwar l-ghamara u oggetti ohra mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali, l-Qorti tordna li dawn l-oggetti jinqasmu bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta’ stimatur sabiex jaghti valur lill-mobbli rimanenti, jigu divizi f’zewg porzjonijiet kemm jista’ jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta’ polza.

**Vetturi**

Brian Farrugia mill-ADT, waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2008 jipprezenta lista ta' 16-il vettura fuq isem il-konvenut. Jerga` jixhed waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 u jipprezenta 16-il dokument b'lista ta' citazzjonijiet li gew decizi, registrati mal-ADT u mhux imhallsa. Jghid li l-vettura GGY-044 hija registrata f'isem il-kumpanija Mikalkris Ltd u l-konvenut huwa ndikat bhala l-contact person.

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-vetturi elenkati f'Dok BF 1 a fol 218, li huma 16-il vettura registrata f'isem il-konvenut, ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. In kwantu jirrizulta inkontestat illi huwa l-konvenut illi jsuq dawn il-vetturi, u li l-attrici ma taghmilx uzu minnhom, l-kontravenzjonijiet illi jinkombu fuq dawn il-vetturi ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut wahdu.

**Is-socjeta` kummercjali Mikalkris Ltd**

C Dingli waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008, jixhed illi huwa kien awditur tas-socjeta` in kwistjoni mill-1995 meta giet iffurmata, u l-ahhar audit ghamlu ghas-sena 31/12/2003 u bhala tax return ntbaghtet biss sal-2003. Jixhed dwar in-net profit bejn is-snin 1995 sa 2003, li kienu rispettivament Lm8871, Lm3713, Lm1804, Lm988, Lm3735, Lm7484, Lm3213, Lm3653, Lm3735.

Jirrizulta pacifikament ippruvat illi din l-azjenda giet imwaqqfa minn missier il-konvenut fis-sena 1981, cioe` bosta snin qabel izzewwgu l-partijiet, u mhux fiz-zwieg, kif tixhed l-attrici in kontro-ezami, u kif tissottometti fir-replika taghha. Jirrizulta wkoll illi filwaqt li ghall-bidu kienu jahdmu fiha kemm il-konvenut u huh, maz-zmien huh telaq minhabba dizgwid mal-konvenut. Hu l-konvenut Carmelino B, jixhed kif hu hallielu kumpanija bi qliegh ta' Lm80,000 fis-sena, izda jghid ukoll li l-konvenut kissirha.

L-attrici tissottometti illi hija kienet taghti daqqa t'id fil-kumpanija billi taghmel xoghol ta' karti, thallas kontijiet u tohrog bit-taxi u l-vann tal-iskola, u tghid li ta' dan qatt ma thallset. Dan jikkonfermah il-konvenut stess fin-nota guramentata tieghu meta jghid li kien hemm zmien fejn l-attrici kienet izzomm il-kotba ta' din l-intrapriza.

In tema legali appena huwa necessarju jigi sottolineat illi l-kumpanija imsemmija ghandha personalita’ guridika distinta mill-konvenut u kwindi kwalunkwe pretensjoni li l-attrici jista’ jkollha ghal xoghol li tghid li ghamlet fil-kumpanija ma jistghux jigu diretti kontra l-konvenut personalment. Il-Qorti ghalhekk mhiex takkolji t-talba tal-attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha ghal xoghol li hija ghamlet lill-kumpanija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonant, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta rikonvenzjonata ghat-talbiet rikonvenzjonanti, u tichad it-talbiet rikonvenzjonali sakemm konpatibbli ma’ dak hawn deciz,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici kif konvertita ghal divorzju u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut. Tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet zmien ghaxart ijiem utili minn meta din is-sentenza ssir res judicata;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici in kwantu l-mertu ezawrit;

3. Tichad it-tielet talba attrici b'dan illi qed jibqa' rizervat id-dritt lill-attrici li tadixxi lill-Qorti ghall-manteniment fl-eventwalita' li jinbidlu c-cirkostanzi attwali.

4. Tilqa' ir-raba' talba attrici, u tapplika fil-konfront tal-konvenut il-penalitajiet kontemplati fl-artikli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'effett mill-24 ta' Jannar 2007;

5. Tilqa' il-hames talba attrici u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

6. Tichad is-sitta, is-seba' u t-tmien talbiet attrici ghar-ragunijiet fuq migjuba. .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**